**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

**Mario Farrugia**

Numru 302/2009

Illum 21 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Mario Farrugia**, ta' tmienja u tletin (38) sena, iben Carmel u Josephine neé Mifsud, imwieled tas-Sliema nhar it-3 ta' Lulju 1970 u residenti 363, Flat 2, St. Joseph High Street, Santa Venera, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 291170(M) akkuzat talli:

1. fis-27 ta' Marzu 2009 u matul l-ahhar sena ta' qabel din id-data gewwa Santa Venera u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina u eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta)

lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 Ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina u eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-parametru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lilu jew li jmissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew xort' ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 8) datat 29 ta' Marzu 2009 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha ordna li l-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 370/2009 redatt mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi (*a fol.* 36 *et seq.*) li jirrigwarda sejba ta' droga u affarijiet relatati mat-traffikar taghha fil-fond 363, Flat 2, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera fis-27 ta' Marzu 2009.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 364/09 redatt mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera (*a fol.* 44 *et seq.*) li jikkontjeni xhieda guramentata ta' Joseph Calleja moghtija fit-3 ta' April 2009.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 560) datata 11 ta' Novembru 2013 *ai termini* ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet tal-Malta) li permezz taghha ordna li l-imputat biex jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 584 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 588), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat ir-Rikors tal-imputat tas-27 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 590) fejn gie mitlub li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti dwar id-Droga liema talba giet michuda permezz ta' Digriet moghti fis-16 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 618 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2019 (*a fol.* 651), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar xhieda xi tressaq f'dawn il-proceduri.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-13 ta' Frar 2019 (*a fol.* 652 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2019, is-sottomissjonijiet finali tad-difiza (*a fol.* 660 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' April 2009, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Elton Taliana** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn spjega li hu flimkien mal-iSpettur Robert Vella kienu ilhom josservaw movimenti f'residenza fi Triq in-Naxxar, Birkirkara ta' certu Stephen Borg maghruf bhala l-Melliehi. Jispjega li fis-26 ta' Marzu 2009 ircevew informazzjoni li Stephen Borg u persuni ohra kienu qed jixtru d-droga eroina u kokajina minn ghand l-imputat maghruf bhala l-Giza li joqghod fi Triq il-Kbira San Guzepp, f'Santa Venera. Jispjega li l-gurnata ta' wara, cioé fis-27 ta' Marzu 2009, gab zewg Mandati ta' Tfittxija u Arrest fir-rigward taz-zewg residenzi msemmija u li flimkien mal-iSpettur Robert Vella u Pulizija ohra accedew fil-fond ta' Santa Venera fejn gie mifqugh il-bieb tar-residenza msemmija fejn irrizulta li ma kien hemm hadd. Jispjega li fuq mejda fil-*living room* instabu hafna affarijiet, fosthom droga u affarijiet relatati maghha. Jixhed: *"Sibna kemm trab abjad u kemm trab kannella u kif ukoll kien hemm xi pipa, flixkun tal-Pepsi bl-istraw hierga minnha, bicciet tal-foil mahruq, mgharfa wkoll mahruqa, bicciet tar-rizla u xi affarijiet ohra"* (*a fol.* 18). Jghid li fil-*cupboard* kien hemm kontenitur bi trab abjad suspettat li huwa kokajina fejn kien hemm ukoll xi boroz tal-plastik imqattghin kif ukoll *sachets* u xi *foil* maghluq. Jispjega li gew elevati wkoll zewg *mobiles* u *sim card* tal-imputat. Jixhed li gie nfurmat il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Antonio Mizzi fejn ordna li tinfetah Inkjesta u fejn appunta diversi esperti biex jassistuh. Spjega li kif wasal l-imputat fuq il-post, l-imputat inghata kopja tal-mandat (li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "ET" – *a fol.* 24) u jghid x'qalilhom, fejn semma lil diversi nies. Jixhed li l-imputat irrilaxxa stqarrija (li tinsab *a fol.* 11 *et seq.*). Spjega li wara t-tfittxija f'Santa Venera saret tfittxija ohra gor-residenza ta' Stephen Borg fejn instabu affarijiet li ma kienux relatati mal-imputat.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li mentri saret tfittxija fuq l-imputat, ma saritx tfittxija fuq il-vettura tieghu. Mistoqsi jghid jekk fuq l-imputat instabux cwievet tal-bieb li gie mifqugh, jghid li hu ma ghamilx tfittxija fuqu u li fl-ebda mument ma gew mghoddija lilu xi cwievet. Jghid li gew arrestati n-nies li gew imsemmija, li saret tfittxija fuqhom.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Elton Taliana** rega' ha l-pedana ta-xhieda fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 516) fejn qal li kien qed jezebixxi sentenza moghtija fis-26 ta' April 2005 mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella, fejn qal ukoll li s-sentenza giet moghtija kontra l-istess imputat li kien prezenti fl-awla.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' April 2009, xehed **Joseph Calleja** (maghruf bhala *"it-Tusu"* – *a fol.* 57 *et seq.*) wara li gie debitament mwissi u ghazel li jiddeponi (*a fol.* 32) fejn qal li fl-ahhar ta' Marzu 2009 gie arrestat peress li kien ghand Stephen Borg. Jghid li hekk kif wasal Stephen Borg ma kienx fuq il-post pero' kien hemm Chantelle, Natalino u Lorraine, fejn filwaqt li Lorraine kienet qed tiehu l-kokajina, Natalino kien qed jahraq l-i*smack*. Jghid li hu (Joseph) kien imur hemm sabiex jiehu d-droga u li d-droga kien jixtriha jew minn ghand l-imputat jew minn ghand Lorraine. Jixhed li xtara kokajina minn ghand l-imputat madwar tliet darbiet, li ta' gramma kien izommlu tmenin Euro (€80.00) u li l-imputat kien jaghtihielu f'ponta ta' borza u li dak il-hin kien isajjarha fuq mgharfa u jpejjipha.

Giet moqrija lilu l-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-Pulizija fit-2 ta' April 2009 (*a fol.* 52 *et seq.*) u li kkonfermaha bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera (*a fol.* 54 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' April 2009, xehed ukoll **Stephen Borg** (maghruf bhala *"il-Melliehi"* – *fol.* 66 *et seq.*) wara li gie debitament mwissi u ghazel li jiddeponi (*a fol.* 32) fejn spjega li ricentement kien flimkien ma' Patrick in-Naqqu u Frans Putatti gor-residenza f'Santa Venera ghand l-imputat maghruf bhala l-Giza. Jghid li hu u Frans Putatti marru jixtru x'jieklu u x'hin kienu sejrin lura ghand l-imputat f'Santa Venera raw lill-Pulizija u baqghu ghaddejjin. Jghid li l-Pulizija marru ghandu (ghand Stephen Borg) u x'hin ra l-Pulizija fejn id-dar tieghu, baqa' sejjer u l-ghada mar l-Ghassa tal-Pulizija ghax baghat ghalih l-iSpettur. Mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel ghand l-imputat, wiegeb li kienu kpejpu l-kokajina li giet moghtija lilu minn Patrick u l-imputat. Jghid li mar hemm hafna drabi u jghid li kien imur sabiex jiehdu l-kokajina. Jispjega li l-kokajina gie li hadha d-dar u gie li kien hallas ghaliha mitt Euro (€100.00) u gie li

mija u hamsin Euro (€150.00) u dana skond kif tkun tidher fuq il-mizien. Mitlub jghid kemm nefaq flus minhabba d-droga ghand l-imputat jghid li f'perjodu ta' sitt xhur nefaq madwar elfejn Euro (€2000). Jghid li apparti minn ghand l-imputat, kien jixtri wkoll minn ghand Patrick u minn ghand Lorraine. Jispjega li minhabba d-droga ghandu madwar erba' mitt Euro (€400.00) dejn mal-imputat. Jghid ukoll li minhabba d-droga ghand l-imputat ghandu curkett u arlogg. Mistoqsi jghid jekk kienx imur ma' xi hadd meta kien imur jixtri d-droga, wiegeb: *"Le gie li mmur wahdi u nehodha ghandu u gie li ghandi hux"* (*a fol.* 73). Mistoqsi jghid ghala kien imur ghandu, wiegeb: *"Jigi ghandi u jgibli l-kokajina u jew nehduha flimkien jew jitlaq"* (*a fol.* 73). Jghid li qatt ma kellu argumenti mal-imputat.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' April 2009, xehed ukoll **Patrick Borg** **(**maghruf bhala *"in-Naqqu" – a fol.* 75 *et seq.*) wara li gie debitament mwissi u ghazel li jiddeponi (*a fol.* 32) fejn qal li kien gie arrestat peress li kien ghand l-imputat peress li kien qed juza d-droga eroina li giet moghtija lilu mill-imputat. Jghid li jaf lill-imputat bhala hbieb u li hu (Patrick) mar ghand l-imputat u l-imputat tahielu. Jixhed li ghal pakkett wiehed ta' eroina, li jghid minnu tohrog ftit linji, hallas hamsin Euro (€50.00). Ghad-domanda min kien hemm aktar ghand l-imputat apparti huwa (Patrick Borg), wiegeb li kien hemm Stephen u Frans Putatti. Jghid li kien hemm persuna ohra pero' ma jafx min kien. Mistoqsi jghid kemm il-darba kienu jiltaqghu ghand l-imputat, wiegeb: *"Xi darbtejn jiena ltqajt hemmhekk"* (*a fol.* 79) u jghid li f'dawn id-darbtejn l-ohra qatt ma ra nies ohra hemmhekk. Mistoqsi jghid ta' min kienu l-affarijiet l-ohra li huma relatati mad-droga, wiegeb li jahseb li huma tal-imputat. Jghid li apparti minn ghand l-imputat, gie li xtara d-droga wkoll minn ghand Lorraine. Jghid li qatt ma kellu argumenti mal-imputat. Ikkonferma li ttiehdet stqarrija minnu li giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. J. Apap Bologna.

Giet moqrija lilu l-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-Pulizija fit-28 ta' Marzu 2009 (Dok. "PB" – *a fol.* 89) li jinghad li giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. J. Apap Bologna, liema stqarrija guramentata baqghet qatt ma giet ezebita f'dawn il-proceduri.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li baghat ghalih l-iSpettur Taliana. Jghid li hu u l-imputat marru jixtru x'jieklu u li fil-post ma hallew lil hadd. Ma jafx jekk il-post kienx maghluq jew le pero' jaf li l-bieb ta' barra ghalquh billi gibduh warajhom. Jghid li l-ohrajn hargu ftit qabilhom. Jichad li hu kien ibiegh d-droga kokajina. Meta nghad lilu li Stephen Borg qal li ghamel sitt xhur jixtri kokajina minn ghandu, wiegeb li mhux minnu anzi qal li hu (Patrick) kien jixtri minn ghand Stephen Borg. Jghid li, madwar sena qabel, Stephen Borg kien jehodlu d-droga d-dar tieghu (ta' Patrick) u jbieghlu hemm u gie li kien jehdilhom d-droga fejn kienu jiltaqghu. Jghid li filwaqt li xtara minn ghand l-imputat madwar darbtejn biss, minn ghand Stephen il-Melliehi dam jixtri minn ghandu madwar tmien xhur jew sena.

Illi, fis-seduta tal-14 ta' April 2009, xehdet ukoll **Chantelle Mallia** (*a fol.* 90 *et seq.*) wara li giet debitament mwissija u ghazlet li tiddeponi (*a fol.* 32) fejn qalet li lejn l-ahhar tax-xahar ta' qabel kienet giet arrestata peress li dahlu fuqhom il-Pulizija d-dar fejn tirrisjedi hi u sabulhom certu affarijiet relatati mad-droga. Tghid li fid-dar jghixu wkoll bintha Kaya ta' hames snin u Stephen Borg. Tghid li kien hemm hi, Lorraine, Natalino u Joseph maghruf bhala t-Tusu. Mistoqsija tghid x'sabu l-Pulizija li kien relatat mad-droga, wiegbet li sabu: *"zewg flixken li jissejhu pipa, flixken ammonia li kien tieghi, dawn kollox tieghi li qed nghidlek. Kien hemm mizien li ma kienx tieghi"* (*a fol.* 91). Tghid li l-mizien kien ta' Lorraine. Mistoqsija tghid fejn kien Stephen dak il-hin, tghid li ma tafx, pero' tghid li ftit qabel Stephen kien ghand l-imputat, peress li Stephen qalilha hekk. Mistoqsija tghid minn ghand min kienet tixtri d-droga, tghid li kienet tixtrieha minn ghand hafna nies, fosthom l-imputat. Tispjega li minn ghand l-imputat kienet tixtri d-droga kokajina u mistoqsija tghid kif kienet taghmel biex tixtri d-droga minn ghandu, tghid li gie li kien ikun ghandhom u gie li kienu jmorru ghandu f'Santa Venera. Mistoqsija tghid kemm kienet thallas ghad-droga, tghid li mhux dejjem l-istess, u tghid: *"gie li 100 u gie li 150 u gie li anke 80 Euro"* (*a fol.* 95). Tghid li dejjem kokajina xtrat. Mistoqsija tghid min kien isajjar d-droga meta kienet tkun ghand l-imputat, wiegbet li normalment kienu jsajjruha hi jew Stephen, pero' tghid li gie li ghamilha l-imputat.

Gew moqrija lilha l-istqarrijiet li hija rrilaxxat lill-Pulizija fit-28 ta' Marzu 2009 (Dok. "CM" – *a fol.* 116) u fil-31 ta' Marzu 2009 (Dok. "CM 1" – *a fol.* 114 *et seq.*) li jinghad li gew konfermati bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. J. Apap Bologna, liema stqarrijiet guramentati baqghu qatt ma gew ezebiti f'dawn il-proceduri.

In kontro-ezami tghid li qabel ittiehditilha stqarrija, li tispecifika kienu tnejn, sar hafna diskors mal-iSpetturi u tispecifika li kien diskors fuq it-tfittxija li kellha d-dar taghha: x'sabulha d-dar, ta' min kienu l-affarijiet, u min kien hemm id-dar. Tixhed li kienet taf li ftit qabel ma' l-Pulizija ghamlu *raid* lilha, il-Pulizija kienu ghamlu *raid* id-dar tal-imputat. Tispjega wkoll li ghaliha kien ovvju li l-imputat kien qal xi haga fuqha. Ghas-suggeriment li mhux minnu li l-kokajina kien ibieghha l-imputat pero' kien jehodha l-*boyfriend* taghha Stephen, wiegbet : "*Jekk qed tghidli hekk, nibdielek hafna affarijiet u ibda aqra l-istatement l-iehor. Ghax kwarta qabel li tawna r-raid id-dar Stephen il-Melliehi kien qed jixtri minn ghand il-Giza. Ghax ma jistax jghid li kien jixtri minn ghand il-Melliehi meta l-Melliehi kien qieghed bla lira d-dar u nispiccaw nmorru nixtru ahna minghand in-nies. It-traffikanti ma jkunux bla lira u jmorru ghand ommhom jitolbu 5 Euros biex jixtrieha*" (*a fol.* 104). Mistoqija tghid minn ghand min Patrick kien jixtri l-kokajina, twiegeb: "*Minghand il-Giza gieli rajtu jixtri*" (*a fol.* 105). Tghid li qatt ma rat lil Patrick jixtri minn ghand Stephen.

Tghid li Stephen huwa missier it-tifla taghha. Tghid li kienu jixtru l-kokajina minn ghand Lorraine. Mistoqsija mill-Qorti kemm ilha taf lill-imputat, tghid: "*mhux hafna iktar minn Lorraine. Forsi ftit xhur qabel*" (*a fol.* 112). Mistoqsija mill-Qorti kif saret taf li hu jbiegh id-droga, wiegbet : "*Kif qed nghidlek, ghax il-paroli tan-nies u nitkellmu man-nies u nitkellmu mieghu. Mieghu l-iktar li tkellimna hux*" (*a fol.* 112).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2009, xehed **Il-Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 139 *et seq.*) fejn spjega li gie nkarigat mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi sabiex jaghmel pjanta tal-fond 363, St. Joseph High Road, Santa Venera u jindika fiha dak kollu relevanti ghall-kaz. Esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dol. "RA" (*a fol.* 141 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2009, xehdu wkoll **PS 239 Joseph Caruana u PS 404 Paul Camilleri** (*a fol.* 151 *et seq.*) fejn spjegaw li gew nominati bhala *Scene of the Crime Officers* mill-Magistrat Dr. Antonio Mizzi fejn jghidu li accedew fil-fond 363, St. Joseph High Road, Santa Venera, fejn iffotografaw diversi affarijiet li gew ukoll elevati u fejn xi oggetti gew mghoddija lil esperti Dr. Marisa Cassar, lix-Xjenzat Mario Mifsud u Martin Bajada. Ezebew r-relazzjoni redatta minnhom li giet immarkata bhala Dok. "JC" (*a fol.* 153 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2009, xehed **Martin Bajada** (*a fol.* 185 *et seq.*) fejn spjega li gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Antonio Mizzi sabiex johrog il-kontenut ta' zewg cellulari u s-*sim cards* taghhom. Ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 187 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> (*a fol.* 246) jghid li l-*mobiles* li ezamina gew mghoddija lilu mill-iSpettur Taliana.

**Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 453 *et seq.*) fejn, in segwitu tal-inkarigu moghti lilu fl-Inkjesta Magisterjali, ezebixxa rapport iehor redatt minnu, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "MBX" (*a fol.* 455 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2009, xehed ukoll **Dr. Anthony Cutajar** (*a fol.* 244 *et seq.*) fejn spjega li kien gie mahtur sabiex jaghmel elenku tal-assi tal-imputat. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "AC" (*Arch lever file*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2009, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Robert Vella** (*a fol.* 268 *et seq.*) fejn spjega li fil-bidu tas-sena 2009 hu u l-iSpettur Taliana bdew investigazzjoni u bdew josservaw il-movimenti ta' Stephen Borg maghruf bhala l-Melliehi pero' matul dawk il-granet gew infurmati li l-imsemmi Borg kien qed ikun fil-kumpanija tal-imputat. Jixhed li fis-26 ta' Marzu 2009 hu u l-iSpettur Taliana kienu marru jiccekkjaw ezatt fejn kienet ir-residenza tal-imputat u li l-ghada ngabu zewg mandati ghaz-zewg residenzi li kienu joqghodu fihom Stephen

Borg u Mario Farrugia rispettivament. Jixhed li dakinhar baqghu sejrin fir-residenza tal-imputat, f'liema hin ma kien hemm hadd. Jghid li gie mitkellem il-gar tal-imputat u li l-imputat mar ftit tal-hin wara. Jixhed: *"Fir-residenza ta' Mario Farrugia dhalna fil-kcina, fil-kcina kien hemm mejda kbira. Fuq il-mejda kien hemm diversi affarijiet li jistghu jkunu relatati mad-droga fosthom pipi, foil mahruq, boroz tal-plastik li kien jidher li kien fihom trab kannella, u kuccarini mahruqa u straws"* (*a fol.* 269). Jghid li gie nfurmat il-Magistrat Inkwirenti Dr. Antonio Mizzi fejn hatar diversi esperti sabiex jassistuh. Jghid li hekk kif bdiet it-tfittxija fir-residenza tal-imputat, huwa (Spettur Vella) illarga peress li mar jaghmel tfittxija fir-residenza ta' Stephen Borg. Jghid li fuq il-post baqa' l-iSpettur Taliana mal-grupp ta' nies tieghu.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2009, xehdet ukoll **Dr. Marisa Cassar** (*a fol.* 271 *et seq.*) fejn spjegat li kienet giet mahtura mill-Magistrat Dr. Mizzi f'Inkjesta relatata ma' droga li nstabet f'Santa Venera. Tghid li gew mghoddija lilha xi oggetti biex taghmel analizi tad-DNA fuqhom. Tghid li mill-konkluzjoni kien hemm erba' irgiel li kkontribwew ghal dawn is-*samples*, li kien hemm xi *straws* u sigarett u affarijiet hekk. Tghid li ma tafx ta' min huma peress li ma kellhiex ma xiex tqabbel. Ezebiet ir-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala Dok. "MC" (*a fol.* 273 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Frar 2010, xehed **PS 561 David Portelli** (*a fol.* 299 *et seq.*) fejn qal li fis-27 ta' Marzu 2009 il-Pulizija rceviet informazzjoni anonima rigward xi droga li setghet kienet tinstab go Flat 2, Numru 363, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera. Jghid li gie nfurmat l-iSpettur Robert Vella li talab Mandat ta' Tfittxija minn ghand il-Magistrat Dr. Antonio Mizzi. Jixhed li saret tfittxija fuq il-post imsemmi fil-prezenza tal-imputat liema tfittxija damet sejra bejn l-4.00pm u l-11.10pm fejn instabu oggetti relatati mad-droga, fosthom qratas bi trab abjad, *foil* mahruq u xi kuccarini li setghu gew uzati ghall-abbuz tad-droga. Jghid li saret ukoll tfittxija go residenza ohra f'Birkirkara li ghaliha hu ma kienx prezenti. Ezebixxa l-okkorrenza redatta minnu li giet immarkata bhala Dok. "DP" (*a fol.* 302 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta wasal hu, sab lill-imputat hemm u kif ukoll Pulizija ohra.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2010, xehed l-i**Spizjar Mario Mifsud** (*a fol.* 342 *et seq.*) fejn spjega li fis-27 ta' Marzu 2009 gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Antonio Mizzi sabiex jaghmel analizi fuq dsatax-il dokument. Waqt is-seduta ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MM" (*a fol.* 345 *et seq.*), waqt liema seduta gie estiz lilu l-inkarigu rigward valur li jghid li kien ta' €83.42 (*a fol.* 345 *tergo*).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011, xehed **PC 1589 Tariq Shaikh** (*a fol.* 390 *et seq.*) fejn spjega li fis-27 ta' Marzu 2009 ghall-habta tal-5.00pm mar flimkien ma' ohrajn fi Flat 2, Numru 363, Triq San Guzepp, Santa Venera fejn kien hemm suspett li kienu qed isiru affarijiet relatati mad-droga. Jixhed li hekk kif waslu fuq il-post, ippruvaw jifthu l-bieb, f'liema hin kien hemm Pulizija li dahal mit-tieqa tal-genb, infetah il-bieb u hekk kif dahlu gewwa ma nstab li kien hemm hadd. Jghid li sadanittant tela' l-gar tal-imputat u gie kkuntattjat l-imputat. Jixhed li hekk kif wasal l-imputat fuq il-post, gie muri l-Mandat ta' Tfittxija li kellhom u dahlu gewwa jaghmlu tfittxija. Jghid li fil-kcina nstabu diversi affarijiet bhal *foil* mahruq u *sachets* bi trab abjad u trab kannella.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011, xehed ukoll **PC 317 Paul Louis Attard** (*a fol.* 392 *et seq.*) fejn xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 1589 u jispecifika li kien il-bieb ta' isfel li nfetah wara li wiehed mill-kollegi tieghi dahal minn go tieqa u hekk kif telghu fuq, sabu l-bieb tal-flat in kwistjoni mbexxaq. Jghid ukoll li kellhom informazzjoni li gewwa l-appartament kien hemm l-imputat u xi hbieb tieghu pero' meta dahlu fir-residenza ma nstab hadd. Jispjega li meta wasal l-imputat fuq il-post u bdew it-tfittxija fil-fond fil-prezenza tal-imputat, fil-kcina sabu diversi pakketti ta' trab abjad gol-*cupboards* u pakketti tat-trab kannella wkoll. Jghid li kien hemm ukoll flixken tal-luminata maghmula bhala pipa, bicciet tas-*sachets* u bicciet tal-*foil* mahruq fuq il-mejda.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' April 2011, xehed **PC 1052 Brian Tonna** (*a fol.* 402 *et seq.*) fejn spjega li ghall-habta tas-6.00pm gie mibghut mill-iSpettur Robert Vella sabiex jassistihom waqt li kienet qed issir tfittxija fir-residenza tal-imputat f'Santa Venera. Jghid li huwa fittex fil-kcina flimkien mal-kollega tieghu PC 1589 fil-prezenza tal-imputat. Jghid li sab zewg *sachets* li kellhom trab kulur kannella go fihom u li fuq il-mejda kien hemm bicciet tal-*foil*. Jghid li hu fittex biss fil-kcina. Jghid li l-affarijiet li nstabu gew fotografati u li fuq il-post kien hemm tal-forensika.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma kienx ma' dawk il-Pulizija li kienu qed jissorveljaw il-post qabel dahlu. Jispjega li meta mar hu, il-bieb tal-*flat* kif miftuh. Ikkonferma li hu gie ordnat biex imur fuq il-post wara li l-Pulizija kienet diga fuq il-post u kien hemm l-imputat.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2011, xehed **PC 1112 George Buhagiar** (*a fol.* 424 *et seq.*)[1] fejn spjega li fis-27 ta' Marzu 2009 ghall-habta tal-5.00pm assista lill-iSpettur Robert Vella f'High Road, Santa Venera. Jghid li hekk kif waslu fuq il-post, habtu u ma fetah hadd fil-flat ta' fuq nett. Jghid li assumew li kien hemm xi hadd gewwa u li kien qed jipprova jahrab mill-Pulizija. Jixhed li kellhom informazzjoni li gewwa kien hemm xi individwi. Jghid li dahlu xorta wahda bil-forza u ma sabu lil hadd gewwa. Jispjega li hargu barra u wara xi hin mar l-imputat fejn hu (PC 1112) assista lill-iSpetturi Taliana u Vella jaghmlu tfittxija li saret fil-fond. Jghid li fil-kcina nstabu xi pakketti zghar b'xi trab u kien hemm ukoll xi flixken mimlija nofshom bl-ilma, bit-tapp bil-*foil*, u b'xi *straws* hierga minn go fihom. Jghid li kien hemm ukoll lubretti ta' sigaretti tal-brim u kif ukoll xi *filters*. Jiftakar li kien hemm xi loqom go *ash tray*. Jghid li marru s-SOCO u hu (PC 1112) telaq minn fuq il-post mal-iSpettur Vella sabiex jaghmlu tfittxija ohra f'Birkirkara.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk meta dahlu sgassawx il-bieb, wiegeb: *"Mhux sgassajna l-bieb ezattament"* (*a fol.* 425). Gie riferut lilu li huwa uza l-kelma *"forza"*, u xehed: *"ha nispjega ruhi. Ahna mhux sgassajna l-bieb. Kellna Pulizija li tela' minn fuq il-bejt, ixxabbat ghal go*

[1] Kien diga ta d-depozizzjoni tieghu fis-seduta tat-2 ta' April 2009 (*vide* verbal *a fol.* 16) pero' ghal xi raguni jew ohra d-depozizzjoni tieghu ma gietx traskritta.

*terrazin u minn gol-bieb tat-terrazin kien jigi ezattament fejn il-bieb ta' barra tal-fond in kwistjoni u kemm fetah is-sellatura u dhalna"* (*a fol.* 425). Jghid li kunjom dan il-Pulizija huwa Ciangura u li huwa stazzjonat il-*mobile*. Jghid li ma rrizultalux li minn fuq il-post harab xi hadd. Mistoqsi jghid fejn kien hu meta wasal l-imputat, wiegeb: *"Jiena kont gewwa pero' xi hadd informa lill-iSpettur li s-Sur Farrugia kien ghadu kif ghadda mit-triq High Road, Hamrun quddiem il-fond u li kien ra lill-Pulizija dehlin id-dar tieghu"* (*a fol.* 426).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2011, xehed **Anthony Bonnici** (*a fol.* 440 *et seq.*) fejn qal li kien qed jixhed in rapprezentanza tas-socjeta' Mobisle Communications Limited maghrufa bhala Go Mobile. Jispjega li gew mitluba jghidu jekk kellhomx linji registrati fuq Mario Farrugia detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 291170(M) u qal li r-ricerka rrizultat fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2011, xehdet ukoll **Michelle Penza** (*a fol.* 442 *et seq.*) fejn qalet li kienet qed tixhed in rapprezentanza tal-Vodafone. Tispjega li gew mitlub jghidu jekk kellhomx linji registrati fuq Mario Farrugia detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 291170(M) u qalet li r-ricerka tat numru wiehed li huwa *pre-paid*, cioé 99 10 10 92. Ezebiet dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "MF" (*a fol.* 444).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Frar 2012, xehed **Il-Perit Valerio Schembri** (*a fol.* 474) fejn spjega li gie nominat ghal fini tad-distanza tal-mitt metru mill-post fejn sar l-allegat reat. Jghid li fic-cirkonferenza tal-mitt metru rrizulta li hemm il-Kazin tal-Partit Laburista u *playing field* li hemm wara l-knisja. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "VS" (*a fol.* 476 *et seq*).

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li in segwitu ta' informazzjoni ricevuta fis-26 ta' Marzu 2009 li l-imputat maghruf bhala l-Giza kien qed ibiegh id-droga eroina u kokajina, l-ghada 27 ta' Marzu 2009 gie ezegwit, fost l-ohrajn, mandat fir-residenza tal-imputat fi Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera fejn instab trab suspettat droga u affarijiet relatati mal-uzu tad-droga.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat b'pussess semplici tad-droga kokajina u eroina, li forna jew ipprokura l-imsemmija droga u li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Gie addebitat ukoll fil-konfront tal-imputat l-aggravju komunement maghruf bhala dak tal-mitt metru. Filwaqt li, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 652 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat ghandu jigi misjub hati ta' dak li huwa gie akkuzat bih, da parte taghha, fis-sottomissjonijiet finali orali taghha (*a fol.* 660 *et seq.*), id-difiza taghmel diversi sottomissjonijiet ghala skond hi l-imputat ma ghandux jigi misjub hati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li f'dan l-istadju jsiru konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat (*a fol.* 11 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li minkejja li fis-seduta tat-23 ta' Frar 2012 gie vverbalizzat li d-difiza kienet qed tezenta lill-Ufficjali Prosekuturi milli jixhdu dwar il-volontarjeta' ta' l-istqarrija ta' l-imputat u gie vverbalizzat ukoll is-segwenti: *"u dan bla pregudizzju ghall-mod ta' kif ittiehdet l-istess stqarrija"* (*a fol.* 473), il-Qorti tinnota wkoll li lejn l-ahhar tass-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 660 *et seq.*) id-difiza talbet lill-Qorti sabiex tiskarta l-imsemmija stqarrija.

Illi jirrizulta li l-imputat irrilaxxa l-istqarrija tieghu f'Marzu 2009 u ghalhekk fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-Pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali

qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-12 ta' Jannar 2016 fil-kaz **Mario Borg vs. Malta**, gie ritenut hekk:

> *"The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56;* ***Navone and Others v. Monaco****, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013;* ***Brusco v. France****, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and* ***Stojkovic v. France and Belgium****, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example,* ***Dayanan v. Turkey****, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009;* ***Yeşilkaya v. Turkey****, no. 59780/00, 8 December 2009; and* ***Fazli Kaya v. Turkey****, no. 24820/05, 17 September 2013).*
>
> *[…]*
>
> *It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56)".*

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti Ewropea kkonkludiet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) flimkien mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi fis-sentenza moghtija fil-25 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri**, fejn l-

appellant ikkontesta l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxata minnu fis-sena 2002, *stante* illi l-ligi ma kinitx tipprovdilu d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti wara li rreferiet fit-tul ghas-sentenza appena citata u rriferiet ukoll ghall-kaz ta' **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs. Ukraine**, deciz fit-13 ta' Gunju 2014, qalet hekk:

> "allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma' l-Artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma jkunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li jsehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Navone vs. Monaco**, instab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta' l-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kinitx tippermettieha. (Ara wkoll **Yesilkaya vs. Turkey** – 59780/00 08/12/2009, **Fazli Kaya vs. Turkey** – 24820/05 17/09/2015).
>
> Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' l-Artikolu 6(3)[2] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti mplikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed."

---

[2] Hawnhekk il-Qorti rreferiet ghal kaz fl-ismijiet **Dayanan vs. Turkey**, deciz fit-13 ta' Ottubru 2009.

Imbaghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet ukoll:

> "Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellanti illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra l-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata. Fil-fatt dan il-jedd gie ndikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Dimech vs. Malta**[3] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setghetx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma ntemmux, madanakollu sahqet:
>
> *"it cannot be entirely excluded that the Courts of Criminal Jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the Courts of Criminal Jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."*

F'dak il-kaz, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset ghalhekk illi ghalkemm l-appellant ma wegibx ghad-domandi kollha li kienu sarulu fil-kors tal-interrogatorju tieghu, huwa kien wiegeb ghal xi domandi li gew ikkunsidrati mill-Ewwel Qorti meta giet biex tiddetermina l-htija tal-istess appellant. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-dawl tad-decizjonijiet minnha citati, dan ma setax isir u ghaldaqstant iddecidiet illi tiskarta l-istqarrija tal-appellant bhala prova.

[3] 34373/13, deciz fit-2 ta' Lulju 2015.

Isegwi li, fil-kaz odjern, la darba l-istqarrija tal-imputat ttiehdet minghajr id-dritt ghall-parir legali in forza ta' restrizzjoni sistematika ta' dan id-dritt u la darba tali prova ttiehdet minghajr il-garanziji moghtija mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq ta' persuna akkuzata, din l-istqarrija ma tistax tigi meqjusa bhala prova ammissibbli u kwindi l-Qorti ser tiskartaha. Naturalment, dan japplika wkoll ghal kull stqarrija li jkun ghamel l-imputat minghajr ma jkun gie moghti dan id-dritt, inkluz ghalhekk kull stqarrija verbali li jkun ghamel lill-Ufficjal Investigatur, fl-istadju tal-investigazzjoni u mhux biss l-istqarrija li titnizzel bil-miktub ghaliex l-istess ragunament japplika ghal tali stqarrija wkoll. Fil-kaz odjern, ghalhekk, il-Qorti ser tiskarta bhala inammissibli l-istqarrija rilaxxata mill-imputat kif ukoll kwalunkwe xiehda ohra in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Forna jew Ipprokura d-Droga Kokajina u Eroina)</u>:**

Illi fl-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat talli forna jew ipprokura d-droga kokajina u eroina u dana *"fis-27 ta' Marzu 2009 u matul l-ahhar sena ta' qabel din id-data gewwa Santa Venera u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer"*.

Illi l-Qorti sejra taghmel riferenza ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali u tinnota li fir-rigward ta' dawk ix-xhieda li jinghad li rrilaxxaw stqarrija guramentata, il-Qorti ser taghmel riferenza ghal dak li huma xehdu fis-seduta tal-14 ta' April 2009 (*a fol.* 32) meta kienu fuq il-pedana tax-xhieda f'dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, ghal liema seduta kien hemm prezenti l-avukat tal-imputat u, fejn ghogbu, ghamel kontro-ezami taghhom.

L-atti processwali jikkontjenu s-segwenti

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Elton Taliana spjega li meta gie ezegwit il-mandat fir-residenza tal-imputat f'Santa Venera ma kien hemm hadd. Jixhed: *"Sibna kemm trab abjad u kemm trab kannella u kif ukoll kien hemm xi pipa, flixkun tal-Pepsi bl-istraw hierga minnha, bicciet tal-foil mahruq, mgharfa wkoll mahruqa, bicciet tar-rizla u xi affarijiet ohra"* (*a fol.* 18). Jghid ukoll li fil-*cupboard* kien hemm kontenitur bi trab abjad suspettat li huwa kokajina, xi boroz tal-plastik imqattghin kif ukoll *sachets* u xi *foil* maghluq.

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Robert Vella spjega kif hu u l-iSpettur Elton Taliana marru fir-residenza tal-imputat, f'liema hin ma kien hemm hadd, fejn spjega li fuq il-mejda tal-kcina kien hemm diversi affarijiet li setghu kienu relatati mal-uzu tad-droga, fejn qal li kien hemm pipi, *foil* mahruq, boroz tal-plastik li kien jidher li kien fihom trab kannella, u kuccarini mahruqa u *straws*.

- PS 561 David Portelli spjega li fis-27 ta' Marzu 2009 saret tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn instabu oggetti relatati mad-droga, fosthom qratas bi trab abjad, *foil* mahruq u xi kuccarini li setghu gew uzati ghall-abbuz mid-droga.

- PC 1589 Tariq Shaikh xehed li fis-27 ta' Marzu 2009 kien prezenti meta numru ta' Pulizija dahlu fil-fond tal-imputat fejn fil-kcina nstabu diversi affarijiet bhal *foil* mahruq u *sachets* bi trab abjad u trab kannella. PC 317 Paul Louis Attard xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 1589 u jispecifika li fil-kcina nstabu diversi pakketti ta' trab abjad gol-*cupboards* u pakketti tat-trab kannella wkoll. Jghid li kien hemm ukoll flixken tal-luminata maghmula bhala pipa, bicciet tas-*sachets* u bicciet tal-*foil* mahruqa fuq il-mejda.

- PC 1052 Brian Tonna spjega li kien prezenti meta saret tfittxija fir-residenza tal-imputat f'Santa Venera fejn jghid li flimkien ma' PC 1589 fittxew fil-kcina tal-imsemmija residenza fejn jghid li sab zewg *sachets* li kellhom trab kulur kannella go fihom u li fuq il-mejda kien hemm bicciet tal-*foil*.

- PC 1112 George Buhagiar xehed li fis-27 ta' Marzu 2009 assista lill-iSpettur Robert Vella fejn jghid li fil-kcina nstabu xi pakketti zghar b'xi trab, xi flixken mimlija nofshom bl-ilma, bit-tapp bil-*foil*, u b'xi *straws* hierga minn go fihom. Jghid li kien hemm ukoll lubretti ta' sigaretti tal-brim, xi *filters* u xi loqom go *ash tray*.

- Joseph Calleja spjega li fl-ahhar ta' Marzu 2009 gie arrestat peress li kien ghand Stephen Borg. Jghid li hu (Joseph) kien imur ghand Stephen Borg sabiex jiehu d-droga u li d-droga kien jixtriha jew minn ghand l-imputat jew minn ghand certu Lorraine. Jghid li xtara kokajina minn ghand l-imputat madwar tliet darbiet, li ta' gramma kien izommlu tmenin Euro (€80.00) u li l-imputat kien jaghtihielu f'ponta ta' borza u li dak il-hin kien isajjarha fuq mgharfa u jpejjipha.

- Stephen Borg, li xehed fl-14 ta' April 2009, spjega li ricentement kien gor-residenza f'Santa Venera ghand l-imputat, flimkien ma' Patrick in-Naqqu u Frans Putatti. Jghid li hu u Frans Putatti marru jixtru x'jieklu u x'hin kienu sejrin lura ghand l-imputat f'Santa Venera raw lill-Pulizija u baqghu ghaddejjin. Mistoqsi jghid x'kien qed jaghmel ghand l-imputat, wiegeb li kienu jpejpu l-kokajina li giet moghtija lilu minn Patrick u l-imputat. Jghid li mar hemm hafna drabi u jghid li kien imur sabiex jiehdu l-kokajina. Spjega li l-kokajina gie li hadha d-dar u gie li kien hallas ghaliha mitt Euro (€100.00) u gie li mija u hamsin Euro (€150.00). Spjega wkoll li f'perjodu ta' sitt xhur minhabba d-droga nefaq madwar elfejn Euro (€2000) u li ghandu dejn ta' madwar erba' mitt Euro (€400.00) mal-imputat u li minhabba d-droga ghand l-imputat ghandu curkett u arlogg.

- Patrick Borg maghruf bhala n-Naqqu xehed li kien gie arrestat peress li kien ghand l-imputat minhabba li kien qed juza d-droga eroina li giet moghtija lilu mill-imputat. Jixhed li ghal pakkett wiehed ta' eroina hallas hamsin Euro (€50.00). Mistoqsi jghid kemm il-darba kienu jiltaqghu ghand l-imputat, wiegeb li ltaqa' ghandu madwar darbtejn.

- Meta Chantelle Mallia giet mistoqsija tghid minn ghand min kienet tixtri d-droga, tghid li kienet tixtrieha minn ghand hafna nies, fosthom l-imputat. Tghid li minn ghand l-imputat kienet tixtri d-droga kokajina u meta giet mistoqsija tghid kif kienet taghmel biex tixtri d-droga minn ghandu, tghid li gie li kien ikun ghandhom u gie li kienu jmorru ghandu f'Santa Venera. Spjegat li mhux l-istess kienet thallas ghad-droga u tghid kemm kienet thallas. Meta giet mistoqsija tghid min kien isajjar d-droga meta kienet tkun ghand l-imputat, wiegbet li normalment kienu jsajjruha hi jew Stephen, pero' tghid li gie li ghamilha l-imputat.

- Fir-rapport tieghu (Dok. "RA" – *a fol.* 141 *et seq.*), il-Perit Richard Aquilina ndika x'instab fil-fond 363, St. Joseph High Road, Santa Venera fejn elenka, fost l-ohrajn, l-affarijiet li saru riferenza ghalihom mill-Ufficjali tal-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri meta accedew fil-fond in kwistjoni.

- Dr. Marisa Cassar spjegat li mill-oggetti li gew mghoddija biex taghmel analizi tad-DNA fuqhom irrizulta li kien hemm erba' irgiel li kkontribwew ghal dawn is-*samples*. Dan jirrizulta wkoll mir-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala Dok. "MC" (*a fol.* 273 *et seq.*).

- Fir-rapport (Dok. "MM" – *a fol.* 345 *et seq.*) redatt mill-iSpizjar Mario Mifsud, l-iSpizjar Mifsud wasal, fost l-ohrajn, ghas-segwenti konkluzjonijiet:

  > "(b) Li t-trab abjad li kien hemm fid-dokument 426/09/05 instab li kien *sodium bicarbonate*. Ghalkemm din is-sustanza mhiex ikkontrollata bil-ligi fic-cirkostanzi misjuba setghet tigi wzata sabiex issir il-Kokajina maghrufa bhala *crack*;
  >
  > (c) Li t-trab abjad li kien hemm fid-dokument 426/09/10 instab li kien *citric acid*. Ghalkemm din is-sustanza mhiex ikkontrollata bil-ligi fic-cirkostanzi

misjuba setghet tigi wzata sabiex tigi msajra l-Herojina qabel din tigi njettata;

(d) Li nstabu tracci tas-sustanza tas-*6-monoacetylmorphine*, li hija prodott tad-degradazzjoni tas-sustanza Herojina, fuq bicca *foil* li kien hemm fid-dokument 426/09/06;

(e) Li nstabu tracci tas-sustanza Herojina fuq bicca *foil* li kien hemm fid-dokument 426/09/01 u bicca *foil* li kien hemm fid-dokument 426/09/09b;

(f) Li nstabu tracci tas-sustanza Kokajina fuq imgharfa li kien hemm fid-dokument 426/09/03 u tubu tal-plastik blu li kien hemm fid-dokument 426/09/19;

(g) Li fit-trab u s-sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 426/09/09, li l-piz nett totali taghhom kien ta' 1.45 grammi, instabet fihom is-sustanza Herojina. Il-purita' medja tat-trab u s-sustanza kannella ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 31.3%;

(h) Li fit-trab abjad li kien hemm fid-dokument 426/09/15, li l-piz nett totali tieghu kien ta' 0.22 grammi, instabet fih is-sustanza Kokajina. Il-purita' tat-trab abjad ghas-sustanza Kokajina kienet ta' cirka 27.9%,

Li s-sustanza Herojina u s-sustanza Kokajina huma kkontrollati bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta" (*a fol.* 356-357)".

Tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma ghandux ikollha dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Semplici tad-Droga Kokajina u Eroina)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess semplici tad-droga kokajina u eroina.

Illi, filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-konkluzjonijiet raggunti mill-iSpizjar Mario Mifsud fir-rapport tieghu (Dok. "MM" – *a fol.* 345 *et seq.*), b'mod partikolari l-konkluzjonijiet immarkati bl-ittra "g" u "h", il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni minhabba liema l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet pruvata u, in segwitu ta' dan kollu, ghandu jirrizulta lill-Qorti li anke t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata. B'hekk l-imputat ser jinstab hati wkoll ta' din l-imputazzjoni b'dan illi din it-tieni (2) imputazzjoni ser titqies assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni *ai fini* tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Aggravju tal-Mitt Metru)</u>**:
Illi t-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat tirrigwarda l-aggravju tal-mitt metru u dana *ai termini* tal-*proviso* ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "Izda wkoll meta persuna tinsab hatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh […], il-piena tizdied bi grad."

Illi fir-rapport tieghu (Dok. "VS" – *a fol.* 476 *et seq.*), il-Perit Valerio Schembri jasal ghas-segwenti konkluzjoni:

> "Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni tieghu u mill-kostatazzjonijiet li l-Perit Tekniku ghamel fuq il-post in kwistjoni, jidher illi kemm il-Kazin tal-Partit Laburista, Santa Venera, kif ukoll il-*playing field* wara l-Knisja ta' Sta.

> Venera jaqghu fid-distanza ta' mitt metru (100.00m) mill-fond 363, Flat 2, Triq il-Kbira, San Guzepp, Sta. Venera u cioé l-fond indikat mill-iSpettur Elton Taliana bhala l-post fejn sehh l-allegat reat" (*a fol.* 484).

Illi l-Qorti ma jirrizultalhiex li fil-Kazin tal-Partit Laburista u fil-*playing field* in kwistjoni jiltaqghu z-zghazagh kif jipprovdi l-*proviso* kwotat hawn fuq. Iz-zewg postijiet imsemmija ma jistghax jinghad li huma *"fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh"* kif jipprovdi l-*proviso*.[4] Fiz-zewg postijiet imsemmija jiltaqghu nies ta' kwalunkwe eta'. B'hekk il-Qorti ma jirrizultalhiex li t-tielet (3) imputazzjoni *ossia* l-aggravju giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati tal-imputazzjoni msemmija u ghaldaqstant ser jigi liberat minnha.

**Recidiva**:

Illi l-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala *recidiv* u dana *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu vera kopja ta' dokument datat 26 ta' April 2005. Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. "ET" (*a fol.* 517), minn liema dokument jirrizulta li l-konnotati tal-imputat imsemmi fih huma identici ghal dak tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk m'ghandux ikun hemm dubju li dan id-dokument jaghmel riferenza ghall-imputat fil-kawza odjerna. Jirrizulta li fis-26 ta' April 2005 l-imputat gie kkundannat ihallas multa. Ma giex pruvat jekk din il-multa gietx imhallsa jew inkella gietx konvertita fi prigunerija u b'hekk ma jirrizultax li l-piena giet skontata skond kif jirrikjedi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qieghed jinghad in vista ta' dak li gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Said** deciza fl-10 ta' Lulju 2015, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet is-segwenti:

> "B'danakollu, id-diċitura tal-Artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioé li t-termini preskritti

[4] *Vide* sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Ottubru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **The Police vs. Abdikarim Isman Omar**.

> fl-Artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet **skontata**. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma setax isir awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet mħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa" [emfazi mizjuda minn din il-Qorti].

Ghaldaqstant, filwaqt li l-Qorti ser tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ser jigi misjub hati biss tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu u ser jigi kkunsidrat li huwa recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu u li gew pruvati, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-

> dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni

stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Illi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax is-segwenti:

- in-natura serja tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat li gew pruvati (b'mod partikolari dak li jirrizulta fl-ewwel imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat);

- il-fedina penali (*a fol.* 13 *et seq.*) tal-imputat;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat jirrisalu ghas-sena 2009;

- dak li jirrizulta mir-rapport (Dok. "MM" – *a fol.* 345 *et seq.*) redatt mill-iSpizjar Mario Mifsud u mid-depozizzjoni (*a fol.* 342 *et seq.*) moghtija minnu, spjecalment rigward il-valur;

- dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija mir-rapprezentant tal-Caritas Noel Cassar (*a fol.* 606) fejn spjega li waqt li l-imputat kien qed jiskonta piena ta' prigunerija, huwa spicca programm li ghamel mal-Caritas;

- dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn Dr. Antoine Ellul (*a fol.* 608 *et seq.*) li qal li ra lill-imputat l-ewwel darba fit-30 ta' April 2011 meta kien qed jabbuza mid-droga; u

- il-fatt li, kif nghad aktar il-fuq, it-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ghandha titqies assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni *ai fini* tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li

ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni u anqas li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tillibera lill-imputat minnhom,

wara li rat

Artikoli 17(h) u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Taqsimiet IV u VI, Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u

Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Mario Farrugia hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kif ukoll li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal perjodu ta' tnax (12) il-xahar prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt Euro (€1500.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri (liema spejjez gew intaxxati) u cioé is-somma ta' sebat' elef, tmien mija u erbatax-il Euro u tnejn u ghoxrin centezmu (€7814.22).[5]

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezibita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**

---

[5] Perit Richard Aquilina (€164.95) (Dok. "RA" - *a fol.* 145 *tergo*); PS 239 Joseph Caruana u PS 404 Paul Camilleri (€246.91) (Dok. "JC" – *a fol.* 161); Martin Bajada (€423.71) (Dok. "MB" – *a fol.* 189 *tergo*); Dr. Marisa Cassar (€4333.75) (Dok. "MC" – *a fol.* 277); Martin Bajada (€173.98) (Dok. "MBX" – *a fol.* 457 *tergo*); Perit Valerio Schembri (€926.65) (Dok. "VS" – *a fol.* 485); Dr. Anthony Cutajar (€1544.27) (Dok. "AC" – *Arch lever file* – *a fol.* 19 tar-rapport).